MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 1066/2006

Dr. Michele Martone f'ismu proprio u bhala prokuratur specjali tal-assenti Massimiliano Martone fil-kwalita` taghhom ta' majority shareholders tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited
vs
Raymond Gatt f'isem u in rapprezentanza tad-ditta "Gatt Galea & Co" il-kwalita` pretiza taghha ta' Kontrollur tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi r-rikorrent kien gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Novembru 2006 u b'Digriet tal-20 ta' Novembru 2006 kien inghata minn din il-Qorti jumejn zmien ghal risposta.

Illi nonostante li kien gie notifikat b'dan ir-rikors u bid-digriet relattiv tal-20 ta' Novembru 2006 kien gie ukoll notifikat, KONTESTWALMENT, b'digriet iehor tat-22 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu kien gie notifikat li t-talba tar-rikorrenti kienet giet milqugha.

Illi l-ilqugh tal-imsemmi mandat ***da parte*** ta' din il-Qorti kien sar bi zball billi meta kien intlaqa' l-imsemmi mandat, ir-rikorrent ma kienx ghadu gie notifikat bir-rikors u bid-digriet tal-20 ta' Novembru 2006 u ghalhekk ma kienx seta' jirrispondi entro t-terminu stabbilit minn din il-Qorti. L-intimat kien f'pozizzjoni li jirrispondi ghall-imsemmi rikors wara li kien gie notifikat u cioe` b'effett mill-24 ta' Novembru 2006.

Illi indipendentement minn dan hawn fuq sottomess gie rilevat illi dan il-mandat kien identiku ghall-mandat l-iehor li jgib in-numru 1588/06 fl-istess ismijiet hlief ghall-fatt li fl-ewwel mandat ir-rikorrent kien gie mharrek hazin.

Illi c-cahda ghal mandat moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta ma kenitx motivata fis-sens li r-rikorrenti kien harrek zbaljatament lill-persuna intimata izda r-raguni moghtija mill-Qorti kienet illi "ma hemmx l-elementi mehtiega ghall-hrug tal-Mandat."

Illi dak li kien ipprova u kien qed jipprova jaghmel ir-rikorrenti bil-prezentata tal-prezenti rikors kien abbuz tal-process legali u cioe` pprova, minghalih, jinqeda bil-mezzi legali sakemm jirnexxielu tghaddi tieghu.

Illi dan ma kellux jigi permess u wisq anqas kondonat mill-Qrati tal-Giustizzja.

Ir-rikorrent talab lil din il-Qorti:

1. Thassar u tirrevoka, ***contrario imperio***, id-digriet taghha tat-22 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu laqghet it-talba ta' Michele Martone proprio et nomine u inibiet lir-rikorrent.

2. Tichad it-talba taghhom kontenuta fl-imsemmi rikors, ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta li l-rikorrenti taw ghall-imsmemi rikors, li giet presentata kontestwalment mar-rikors, kif ukoll tikkonferma r-raguni moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta.

3. Tiddikjara li l-agir ta' Michele Martone proprio et nomine, bil-presentata tal-rikors li jgib in-numru hawn fuq indikat huwa abbuz tal-proceduri legali.

4. Tordna li jinghataw dawk id-direttivi kollha xierqa u opportuni kontra l-istess Doctor Michele Martone proprio et nomine talli abbuza mis-sistema legali, fosthom li jittiehdu kontra tieghu proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti - kollox isir taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanza partikolari tal-kaz.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat li biha espona:

Illi l-intimat nomine kien ipprezenta rikors fis-27 ta' Novembru 2006 permezz ta' liema kien talab:

1. Ir-revoka contrario imperio tad-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Novembru 2006 permezz ta' liema l-istess Qorti kienet laqghet it-talba tal-intimat ghal-hrug tal-mandat de quo.

2. Illi dan il-Qorti tichad it-talba ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta ghar-rikors tal-intimat.

3. Illi din il-Qorti tiddikjara l-agir tal-intimat ghall-prezentata tar-rikors ghall-hrug ta' mandat bhala abbuz tal-proceduri legali.

4. Illi din il-Qorti tohrog dawk id-direttivi kontra l-intimat, fosthom illi jittiehdu proceduri fil-konfront tal-intimat ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Illi l-intimat xtaq jaghmel fil-qosor is-segwenti osservazzjonijiet b'risposta ghal dak kontenut fir-rikors tal-intimat nomine:

- Illi l-anomalija fil-process tan-notifika tar-rikors promotur lill-intimat nomine ma kien sar bl-ebda htija tar-

rikorrent stante li l-indirizz tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kien gie indikat fl-imsemmi rikors ghall-eventwali esekuzzjoni tal-hrug tal-mandat u l-intimat ma kellux ikun tenut responsabbli tal-fatt illi l-marixxal 'innotifika' lill-intimat nomine fl-indirizz tal-awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

- Illi l-intimat nomine kien ghal kollox skorrett meta kien tenna li l-mandat kien ghal kollox identiku ghal mandat li jgib in-numru 1588/06. L-intimat fl-ewwel paragrafu tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ***de quo*** kien informa lil din il-Qorti li kien gie prezentat '*rikors <u>simili</u>'* pero` dan fil-konfront ta' Raymond Gatt f'ismu personali u mhux kontra Raymond Gatt f'isem u in rapprezentanza tad-ditta 'Gatt Galea & Co'. Din id-differenza sostanzjali skond il-principji legali bazici, kienet bizzejjed biex twaqqa' l-argument sostnut mill-intimat nomine li l-mandat kien identiku ghal dak precedenti, stante li l-persuna mharrka fit-tieni rikors kien ghal kollox differenti minn dik ta' l-ewwel, u ghaldaqstant din il-Qorti ma setghetx issib l-ebda ripetizzjoni fit-talbiet tar-rikorrenti ghax dawn kienu gew indirizzati lejn entita` totalment differenti mill-persuna mharrka fl-ewwel mandat bin-numru 1588/06.
- Illi minghajr pregudizzju ghal dak ipprovdut fil-paragrafu precedenti, it-talba ghall-hrug tal-mandat ***de quo*** kienet tikkontjeni wkoll argumentazzjoni ghal kollox differenti minn dak kontenut fil-mandat bin-numru 1588/06 proprju konsegwenza tal-fatti li intimat mharrek kien ghal kollox differenti cioe` li d-dispozizzjonijiet tal-ligijiet illi jirregolaw it-tmexxija tal-kumpaniji kontrollati jiddisponu li kontrollur jista' jkun biss persuna fizika u mhux persuna legali, minbarra l-fatt illi d-ditta "*the firm Gatt Galea & Co (the firm)*" qatt ma setghet titqies bhal persuna legali jew korp guridiku.
- Illi r-raguni moghtija mill-Qorti diversament presjeduta fil-mandat bin-numru 1588/06 ma kellu jkollu l-ebda rilevanza ghall-hrug o meno tal-mandat ***de quo*** stante li kien rikors, kif gja argumentat izjed 'l-fuq, illi kien gie indirizzat lejn entita` totalment differenti minn dik precedenti.
- Illi minghajr pregudizzju ghall-kontenut tal-paragrafu precedenti, il-motivazzjoni moghtija mill-Qorti diversament presjeduta fil-mandat bin-numru 158/06

kienet fin-natura taghha wahda generali liema ma teskludix il-fatt illi l-hrug tal-mandat kien gie michud proprju minhabba l-fatt illi Raymond Gatt f'ismu personali ma kienx il-kontrollur tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limited.

- Illi ghar-ragunijet hawn fuq premessi din il-Qorti ma setghet bl-ebda mod issib illi r-rikorrenti seta' b'xi mod abbuza mill-proceduri legali, izda kuntrarjament ghal dak illi tipprovdi il-Ligi kontra entita` totalment differenti mill-persuna mharrka fil-mandat bin-numru 1588/06, kif kellu kull dritt illi jaghmel.

Ghal dawn ir-ragunijiet, fl-umli fehma tal-intimat, din il-Qorti kellha tichad it-talbiet kollha maghmula mill-rikorrent nomine permezz tar-rikors tieghu tas-27 ta' Novembru 2006.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
F'dawn il-proceduri l-provi huma riferibbli ghan-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Raymond Gatt ***nomine*** sostna li din il-Qorti hija esawtorata milli tisma' u tiddeciedi il-mandat ***de quo*** u kwalsiasi proceduri legali ohra u dan in vista ta' dak sancit mill-Kapitolu 383 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkontenda li filwaqt li huwa veru li ma hemm xejn dwar dan l-aspett legali fir-rikors presentat minnu fis-27 ta' Novembru 2006, tali gurisdizjoni (jew mancanza taghha) hija, fi kwalunkwe kaz, sollevabbli ***ex ufficio.*** Zied li ai termini tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 383 [ATT DWAR KUMPANNIJI KONTROLLATI (PROCEDURA TA' STRALC] jinghad li l-Bord mahtur bis-sahha tal-istess ligi ghandu ***unikament u esklussivament*** gurisdizzjoni biex jisma' u jiddetermina:
[c] "any matter related to, or arising from, the report and scheme of distribution published by the Controller.

[d] any claims made against any Controller arising in whatsoever manner from the administration and liquidation of any assets under his control."

Semma li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni huwa sabiex l-esponenti jigi inibit milli jaqdi l-funzjonijiet tieghu ta' Kontrollur tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited, liema socjeta` hija wahda minn dawk is-socjetajiet li hija taht kontroll skond ma jirrizulta mill-Avviz mahrug mill-Awtorita Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji tal-31 ta' Jannar 2003, Dokument A anness mar-rikors tal-Mandat ta' Inibizzjoni riferit, u li l-Awtorita` Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji hija l-unika organu legali li ghandu d-dritt li jpoggi socjeta` taht kontroll; illi ghalhekk isegwi li l-gurisdizzjoni ghad-determinazzjoni ta' kwlasiasi vertenza in konnessjoni mal-istess socjeta` hija vestita esklussivament u unikament mal-istess Bord, li ghandu l-poteri kollha ta' din il-Qorti – ara f'dan ir-rigward dak li jiporovdi l-artikolu 8 tal-Att 383 fuq referit. Dan waslu biex qal li ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddetermina kwistjonijiet bhal dawn mertu tar-rikors promotur; spicca biex talab li in vista tal-permess din il-Qorti ghandha tiddikjara [1] illi hija ezawtorata milli tiehu konjizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni relattiv minhabba li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma', tiddeciedi u tiehu konjizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni relattiv kif fuq permess u ghalhekk ghandha tordna, thassar u tirrevoka, ***contrario imperio***, id-Digriet taghha tal-22 ta' Novembru u 28 ta' Novembru 2006 li permezz taghhom laqghet it-talba tal-Avukat Michele Martone ***proprio et nomine*** meta inbit lill-Raymond Gatt nomine milli jesercita id-drittijiet u doveri tieghu ta' kontrollur tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited; u [2] li ***in subsidio*** u minghajr pregudizzju ghall-permess illi fi kwalunkwe kaz tiddikjara li l-agir tal-istess Avukat Michele Martone ***proprio et nomine***, bil-presentata rikors li jgib in-numru hawn fuq referit u ukoll fid-dawl tad-Digriet moghti fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jgib in-numru 1588/06 huwa abbuz tal-proceduri legali; u [3] in vista tal-fatt ukoll illi l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni huwa replika, ghajr ghall-fatt li gie prezentat kontra persuna

differenti, tal-mandat l-iehor li jgib in-numru 1588/06, wara li ssib li l-istess Avukat Michele Martone abbuza mis-sistema legali, konsegwentement taghti dawk id-direttivi kollha opportuni fic-cirkostanzi kontra l-istess Avukat Michele Martone, fosthom li jittiehdu proceduri legali kontra tieghu ghal disprezz lejn l-Awtorita` taghha.

Dottor Michele Martone sostna li sottomissjoni dwar gurisdizzjoni ***o meno*** tal-Qorti kellha titqajjem minn Raymond Gatt nomine ***in limine litis*** u cioe` ***a tempo vergine*** fir-risposta tieghu tas-27 ta' Novembru 2006 ghar-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni jew inkella fir-rikors intavolat minnu, haga li ma saritx. Issa qed jinqeda bil-fatt illi kwistjoni dwar gurisdizzjoni tista' titqajjem ***ex officio***. Ghalkemm b'rieda tal-Ligi l-kwistjoni dwar gurisdizzjoni hija wahda mill-eccezzjonijiet li l-Qorti tista' tqanqal minn rajha, dan kellu jsir waqt bikri u cioe' ***in limine*** u mhux f'dan l-istadju ta' proceduri.

Izda zied li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni u dan in vista u bis-sahha tal-fatt li l-artikolu 10 tal-Kapitlu 383 jispecifika u jiddelinea liema huma l-poteri gurisdizzjonali tal-Bord tal-Appell kostitwit taht l-Kapitlu 383, liema gurisdizzjoni hija limitat ghas-segwenti:-

i. Kull appell maghmul minn decizjoni tal-Kontrollur dwar xi pretensjoni;
ii. Kull pretensjoni li ssir ghar-radd lura ta' proprjeta` li tkun fil-pussess ta' terzi persuni;
iii. Kull haga li ghandha x'taqsam ma', jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni pubblikata mill-Kontrollur;
iv. Kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrollur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralc ta' xi attiv li jkun qieghed jikkontrolla;

Il-gurisdizzjoni tal-Bord ta' l-Appell hija limitata ghal dawn l-erba' istanzi, u ghalhekk Dr. Martone sostna li huwa skorrett l-argument ta' Raymond Gatt nomine li l-Bord ghandu gurisdizzjoni:

"ghad-determinazzjoni ta' kwalsiasi vertenza in konnessjoni mal-istess socjeta`"
u dana ghaliex il-gurisdizzjoni tal-Bord tigi radikata biss fl-erba' sitwazzjonijiet msemmija fl-artikolu 10. Il-legistratur ried li l-qrati ordinarji jibqghu kompetenti sabiex jiddeciedu kwistjonijiet ohrajn oltre dawk imsemmija specifikament fl-artikolu 10. Zied li t-talbiet fir-rikors guramentat in segwitu ghall-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni huma limitati biss <u>ghan-nullita` tan-nomina ta' Raymond Gatt nomine bhala Kontrollur</u>. Ghalhekk Dr. Martone sostna li peress li minn imkien ma' jirrizulta li r-regolarita` ***o meno*** tan-nomina u tal-kontinwazzjoni fil-qadi tal-funzjonijiet ta' Kontrollur da parti ta' Raymond Gatt ***nomine*** taqa' taht xi wahda mill-istanzi ta' gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appell, din il-Qorti tibqa' kompetenti; u dan in vista tal-fatt li l-gurisdizzjoni esklussiva tal-Bord tal-Appell bhal kwalunkwe Bord jew Tribunal specjali iehor, hija biss eccezzjoni ghall-gurisdizzjoni generali u aktar wiesgha tal-qrati ordinarji. Illi inoltre l-artikolu 10 (2) tal-Att stess jirrikonoxxi li l-Bord tal-Appell m'ghandux gurisdizzjoni unika u esklussiva meta jirreferi ghal "kull sentenza moghtija minn qorti kompetenti f'Malta kontra l-Kontrollur."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ma hemm ebda dubju li huma l-Qrati Ordinarji li normalment ikollhom il-gurisdizzjoni generali u l-ghoti ta' kompetenza esklussiva lil xi Tribunal trid tohrog mil-ligi specjali. Mill-Kapitolu 383 art 10 johorgu cari l-poteri ta' gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli liema Bord huwa mwaqqaf ghall-ghanijiet tal-Att in kwistjoni, liema Bord ghandu bhala Chairman tieghu avukat li jkollu mill-anqas 12-il sena ta' prattika legali waqt li l-persuni l-ohra li fil-fehma tal-Ministru jkollhom il-perizja u esperjenza mehtiega fil-kummerc bankarju jew servizzi finanzjarji. Dawn jigu nominati ghal perjodu limitat u permezz tal-artikolu 8 tal-istess Att gew definiti s-setghat tal-Bord. Dak li hu ta' gurisdizzjoni ta' Bord hu specifikament definit taht l-artikolu 10(1) paragrafi (a) sa (d) liema lista fil-fehma tal-Qorti hija ezawrjenti u ma jistghux jizdiedu kazi b'analogija. Ghalhekk jekk xi haga tinkwadra taht dak specifikat fl-10(1) (a) sa (d) din tkun ta' gurisdizzjoni esklussiva tal-Bord tal-Appelli waqt li jekk ma tinkwadrx

ruhha f'dak li hemm imsemmi hemmhekk din tkun ta' kompetenza tal-Qrati ordinarji.

Dak li qieghed jigi attakkat fir-rikors odjern huwa l-Mandat ta' Inibizzjoni 1693/06 u infatti t-talba biex il-Qorti tiddegreta ***contrario imperio*** hija propju riferibbli ghal dan id-digriet tat-22 ta' Novembru 2006. Jekk wiehed jezamina t-talba tar-rikors intavolat fl-20 ta' Novembru 2006 wiehed jara li dak li kien talab Dr. Michele Martone ***proprio et nomine*** kien li jzommu id-ditta intimata milli:
"(1) tezercita u tagixxi bhala Kontrollur tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited
(2) tiehu kwalunkwe decizjonijiet dwar it-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited
(3) taghmel kwalsiasi att ghan-nom tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited"

Certament li dak mitlub taht it-tielet aspett jinkwadra taht l-artikolu 10 ghax li taghmel kwalsiasi att zgur li taqa' taht l-imsemmi artikolu specjalment dawk (b), (c) u (d). It-tmexxija u l-amministrazzjoni ta' socjeta` wkoll taqa' taht l-artikolu 10 ghax kif jista' jkollok tmexxija u amministrazzjoni u li dawn ma jkunux pretensjoni li ssir mill-Kontrollur kif ukoll ma tifformax parti mill-iskemi ta' distribuzzjoni u li m'ghandhiex x'taqsam mal-amministrazzjoni ta' xi attiv. L-ewwel talba ta' Dr. Martone ***proprio et nomine*** tirreferi ghal tezercita u tagixxi bhala Kontrollur. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu Dr. Martone semma li t-talbiet fir-rikors guramentat in segwitu ghall-Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni huma limitati biss ghan-nullita` tan-nomina ta' Raymond Gatt ***nomine*** bhala Kontrollur izda dan mhux ezatt dak li ntalab fil-Mandat ta' Inibizzjoni. Infatti waqt li n-nullita` tan-nomina tassumi evalwazzjoni ta' jekk tali nomina kenitx valida jew nulla jew annullabbli u ghalhekk tassumi li mill-bidu ma setax jagixxi l-Kontrollur dak li qieghed jinghad taht il-(1) huwa li tezercita u tagixxi bhala Kontrollur u cioe` qed tassumi li tali nomina gja hija ezistenti. Issa li tezercita u tagixxi bhala Kontrollur taqa' taht dak li hemm imsemmi fl-artikolu 10 tal-Kap 383? F'dan l-istadju l-Qorti thoss li l-fatt li wiehed jesercita u jagixxi bhala Kontrollur jinkwadra ruhu

taht dak li hemm stipulat fl-artikolu 10 u ghal dawn il-motivi tirrevoka ***contrario imperio*** d-digriet precedenti moghti minnha fit-22 ta' Novembru 2006 fuq il-Mandat ta' Inibizzjoni.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------